REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/252

tad-29 ta' Jannar 2021

li jopera tnaqqis mill-kwota tas-sajd Portugiża disponibbli għall-inċova, minħabba sajd eċċessiv fis-sena preċedenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fiż-żoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 (ANE/9/3411) tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant ("CECAF") ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 ([2]), għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

(2) Il-kwoti tas-sajd għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fiż-żoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF (ANE/9/3411) ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ([3]), għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dawn it-tnaqqisiet iridu jsiru fis-sena jew fis-snin segwenti billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi kif stabbiliti hemmhekk.

(5) Il-Portugall qabeż il-kwoti tas-sajd tiegħu għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fiż-żoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF (ANE/9/3411) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

(6) Għalhekk hu xieraq li jkun hemm tnaqqis fil-kwota tas-sajd allokata lilu għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 u, fejn xieraq, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada żżejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Portugall għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fiż-żoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 (ANE/9/3411) tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant ("CECAF"), stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, għandha titnaqqas kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota inizjali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju-2019 sat-30 ta' Ġunju-2020 (f'kilogrammi)	Ħatt l-art permess għall-perjodu mill-1 ta' Lulju-2019 sat-30 ta' Ġunju-2020 (Kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Qabdiet totali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju-2019 sat-30 ta' Ġunju-2020 (kwantità f'kilogrammi)	Konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (%)	Sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (kwantità f'kilogrammi)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis li għandu japplika għall-perjodu mill-1 ta' Lulju-2020 sat-30 ta' Ġunju-2021 (kwantità f'kilogrammi)
PT	ANE	9/3411	Inċova	Żoni 9 u 10 tal-ICES; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tas-CECAF 34.1.1	5 343 000	3 779 330	3 858 005	102,08	78 675	/	/	/	78 675

(1) Kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolament 2019/124 wara li jitqiesu l-iskambji ta' opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), trasferimenti tal-kwoti mill-2018 għall-2019 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew riallokazzjoni u tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343 22.12.2009, p. 1).

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" tindika li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 minħabba li l-Istat Membru ripetutament qabeż il-kwota tiegħu matul is-sentejn preċedenti. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa suġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena jew mis-snin ta' qabel.